- *TRIBUNAL INDUSTRIJALI – TKECCIJA INGUSTA –*
- *ART.28 TAL-KAP 266 –*
- *NUQQAS TA' KOMPETENZA EX OFFICIO – ART. 774 KAP 12 –*
- *ART. 35 TAL-KAP 135 –*
- *ART.204 TAL-KAP 234 –*
- *KONDIZZJONIJIET TAL-IMPJIEG –*
- *KOMPETENZA U LIGI SOSTANTIVA APPLIKABBLI -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 12 ta' Dicembru 2001**

**Kawza Numru: 11**
**Citazzjoni Numru: 539/00/RCP**

**Sea Services Limited**

**vs**

**Paul u Helen konjugi Aquilina**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenuti ghandhom jaghtu lis-socjeta` attrici s-somma bilancjali ta' erba' t'elef, tlett mija u hdax-il lira u tmienja u ghoxrin centezmu Maltin (Lm4,311.28), dovuti mill-konvenuti lis-socjeta' attrici stante li konvenuti naqsu milli jhallsu lura l-flus lis-socjeta' attrici stante li l-konvenuti b' diversi avvanzi *"brevi manu" (vide* r-rendikont hawn anness mmarkat Dokument 'PA1');

Illi ghalkemm il-konvenuti gew debitament interpellati permezz ta' ittra ufficcjali datata hmistax (15) ta' Dicembru, 1999 sabiex jhallsu s-somma dovuta, dawn xorta baqghu inadempjenti *(vide* kopja ta' l-ittra ufficcjali hawn annessa u mmarkata Dokument 'PA2');

L-istess socjeta` attrici ghalhekk talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenuti ghandhom jaghtu lis-socjeta' attrici s-somma bilancjali ta' erba' t'elef, tlett mija u hdax-il lira u tmienja u ghoxrin centezmu maltin (Lm4,311.28) dovuta mill-konvenuti lis-socjeta' attrici ghar-ragunijiet premessi.

2. Tordna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' t'elef, tlett mija u hdax-il lira u tmienja u ghoxrin centezmi Maltin (Lm4,311.28).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali hawn fuq imsemmija tal-hmistax (15) ta' Dicembru, 1999, u tal-mandat ta' qbid fl-ismijiet premessi prezentat kontestwalment ma' dan l-att; u bl-imghax mid-data ta' l-istess ittra ufficcjali kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti ghas- ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 5 sa 34 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol 38 tal-process fejn gie eccepit:

(1) Illi huwa minnu illi l-konvenuti ghandhom jaghtu lis-socjeta` attrici s-somma indikata fic-citazzjoni pero` s-socjeta` attrici ghandha taghti lill-konvenuti somma verjuri liema somma tifforma l-mertu tal-kontro-talba annessa.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol. 38 tal-process.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut a fol 40 tal-process fejn l-istess konvenut ppremetta:-

Illi l-konvenut kien impjegat mas-socjeta` attrici taht l-Att Dwar il-Bastimenti Merkantili.

Illi s-socjeta` attrici qabdet u tterminat l-impjieg tal-konvenut minghajr raguni valida u kontra d-disposizzjonijiet ta' l-istess att.

Illi a kawza ta' dan l-agir il-konvenut sofra danni.

Illi l-istess konvenuti talbu li s-socjeta' attrici tghid ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi t-terminazzjoni ta' l-impjieg li kellu l-konvenut mas-socjeta attrici saret ingustament u kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Att Dwar il-Bastimenti Merkantili.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut kif ukoll il-kumpens dovut lilu minhabba tali terminazzjoni.

3. Tikkundanna lis-socjeta attrici thallas lill-konvenuti s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u l-imghax u s-socjeta` attrici ingunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol. 41 tal-process.

Rat il-verbal tal-4 ta' Mejju 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici ghall-kontro-talba tal-konvenuti, a fol 45 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi t-talba rikonvenzjonali mqajma mill-konvenut Paul Aquilina dwar it-terminazzjoni ta’ l-impjieg tieghu hija regolata mill-ligi marittima industrijali cipprijotta stante li fil-mument meta l-impjieg ta’ Paul Aquilina gie terminat dan kien impjegat bhala bahhar *(seaman)* fuq il-bastiment ciprijott mv *Sea Serv 301* fil-kariga ta’ kok u kwindi kien jifforma parti mill-ekwipagg ta’ l-istess bastiment.

2. Illi, *in ogno caso* u fil-mertu, it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti hija infondata fil-fatt u fid-drilt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-konvenuti konjugi Aquilina stante li t-terminazzjoni ta’ l-impjieg ta’ Paul Aquilina minn mas-socjeta’ eccipjenti kienet gustifikata fic-cirkustanzi u saret skond il-ligi.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, d-danni allegati mill-konvenuti iridu jigu pruvati minnhom.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 46 sa 48 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 49 sa 54 tal-process.

Rat il-verbal tal-15 ta’ Gunju 2000 fejn inghata digriet tal-affidavit lill-partijiet u l-kawza giet differita ghall-provi tal-partijiet ghall-1 ta’ Novembru 2000.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tal-11 t'Awissu 2000 fejn gie prezentat l-affidavit ta' David Formosa (fol. 58).

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tal-11 t'Awissu 2000 fejn gie prezentat l-affidavit ta' Joseph Formosa (fol 60 sa 65).

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tal-11 t'Awissu 2000 fejn gie prezentat l-affidavit ta' Mario Micallef (fol 67 sa 68).

Rat il-verbal tal-1 ta' Novembru 2000 fejn Dr Scerri Diacono ipprezenta nota bi tlett dokumenti u ddikjara li m'ghandux aktar provi kemm fuq l-azzjoni attrici u kemm fuq il-kontro-talba. Xehed Mario Micallef. Inghata digriet tal-affidavit lill-konvenuti ta' 40 jum u l-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-konvenut ghall-20 ta' Frar 2001.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tas-6 ta' Dicembru 2000 fejn permezz taghha esebiet kopja legali tas-sentenza tat-Tribunal Industrijali tat-28 ta' Marzu 2000 (fol 102 sa 103).

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tat-12 ta' Jannar 2001 fejn permezz taghha esebiet l-affidavit tal-Avukat Cipprijot Andeas Ch. Pouyouros (fol 106 sa 107).

Rat il-verbal tal-20 ta' Frar 2001 fejn xehed Mario Micallef.

Rat in-nota tal-konvenuti tal-20 ta' Frar 2001 fejn gie prezentat l-affidavit ta' Paul Aquilina (fol. 119 sa 126).

Rat il-verbali tad-9 ta' Mejju 2001, tal-21 ta' Mejju 2001, tal-4 ta' Lulju 2001 fejn xehdu Dr Victor Muscat u Edwin Mallia. Dr David Camilleri ghall-konvenuti ddikjara li m'ghandux aktar provi u talab li jaghmel nota. Il-Qorti laqghet it-talba u preffiggiet terminu ta' 40 jum lis-socjeta` attrici sabiex tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet bil-visot/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu 40 jum biex jirrispondi u halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-12 ta' Dicembru 2001.

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici tas-6 ta' Awissu 2001 u d-digriet tal-Qorti tad-9 ta' Awissu 2001 fejn laqghet it-talba u estendiet it-terminu sal-10 ta' Settembru 2001 bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu sal-31 ta' Ottubru 2001 biex jirrispondi u tikkonferma l-kawza ghas-sentenza ghat-12 ta' Dicembru 2001.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici tal-21 ta' Awissu 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-azzjoni attrici saret peress li hija allegat li l-konvenuti huma debituri taghha fl-ammont ta' Lm4,311.28, rappresentanti ammont ta' flus mislufa lill-istess konvenuti taht titolu ta' self *'brevi manu',* u l-konvenuti ammettew l-istess talba attrici permezz tan-nota tal-eccezzjonijiet taghhom datata 27 ta' April 2000.

Illi min-naha taghhom l-konvenuti pero' ppresentaw kontro-talba kontra s-socjeta' attrici fejn qed jallegaw li l-istess konvenut kellu l-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici terminat minghajr raguni valida u kontra id-disposizzjonijiet tal-istess att, u allura qed jitolbu kumpens minghand l-istess socjeta' attrici minhabba din it-terminazzjoni ta' impjieg minhabba ragunijiet mhux validi fil-ligi.

Illi min-naha taghha s-socjeta' rikonvenzjonata sostniet li l-kwistjoni hija regolata bil-ligi Ciprijotta, stante fil-mument tat-terminazzjoni tal-impjieg l-konvenut kien bahhar fuq il-bastiment Ciprijott "*Sea Serv 301*" fil-kariga ta' kok u ghalhekk jifforma parti mill-ekwipagg ta' tali bastiment, u sussidjarjament sostniet li l-istess impjieg gie terminat minhabba raguni valida skond il-ligi, u ghalhekk l-ebda danni ma huma dovuti.

Illi ma hemm l-ebda prova li l-istess konvenut Paul Aquilina kien impjegat mas-socjeta' konvenuta, kumpanija registrata Malta mill-11 ta' Gunju 1989 sas-6 ta' Awissu 1999, u ma

hemm hemm l-ebda dubju li l-kawza li ghamel l-istess konvenut permezz tar-rikonvenzjoni tieghu, hija dik ghat-tkeccija ingusta mill-impjieg mill-istess socjeta'.

Illi huwa veru li jidher li l-konvenut l-ewwel ma ghamel ressaq il-kaz tieghu dwar tkeccija ingusta quddiem it-Tribunal Industrijali, kif jidher mid-decizjoni tal-istess Tribunal datata 28 ta' Marzu 2000, li tinsab esebita a fol. 102 tal-process bhala Dok. "Z".

Illi f'dik l-istess decizjoni inghad li :-

*"It-Tribunal ra l-paragrafu 9 tad-Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-kumpanija fejn gie sottomess li dan it-Tribunal mhux kompetenti biex jikkonsidra t-tkeccija allegata ngusta u dana skond l-**artikolu 35 tal-Kap 135.***

*"Semgha s-sottomissjonijiet tal-partijiet:*

*"Ra t-test ingliz tal-Merchant Shipping Avt Kap 234 u partikolarment id-definizzjoni ta' 'SEAMAN' li tghid li "seaman includes every person (except the master, pilots and apprentices) employed or engaged in any capacity on board a ship"*

*"Peress li mhux kontestat li l-appelant kien gie mpjegat biex iservi bhala kok fuq il-vapuru tal-kumpanija;*

*"jiddeciedi li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-kaz".*

Illi stranament ghalkemm jidher li kienet is-socjeta` konvenuta li hadet din il-linja ta' difiza fil-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali, fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha l-istess socjeta' konvenuta qed illum issostni li l-**Kap 234** ma japplikax ghall-kaz in kwistjoni stante li l-istess Kap japplika biss *ai termini* tal-**artikolu 204** ghall-bastimenti kollha li jbahhru registrati skond dan l-Att, u ghalhekk la darba l-bastiment li kien qed jahdem fuqu l-konvenut meta gie terminat l-impjieg tieghu kien dak Ciprijott, mela allura hija il-ligi Ciprijotta li tapplika ghall kaz in kwistjoni.

Illi minn hawn l-istess socjeta' konvenuta tkompli tghid li la darba tigi eskluza l-applikazzjoni tal-**Kap 234,** l-ligi applikabbli hija l-**Kap 266 – l-Att Dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali** u l-**Kap 135 – l-Att Dwar il-Kondizzjonijiet tax-Xoghol,** u allura jekk dan huwa l-kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 28 tal-Kap 266** li jipprovdi li:-

*"Minkejja kull ma jinstab f'kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni ezkluzziva u jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati….u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci ghal ksur tad-dritt tieghu li ma jitkecciex b'mod ingust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra:".*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti hawn qed issir konfuzzjoni bejn liema ligi sostantiva hija applikabbli sabiex tirregola l-

impjieg tal-konvenut mas-socjeta' attrici u l-punt l-iehor ta' liema Qorti jew Tribunal ghandu gurisdizzjoni sabiex tisma' l-kaz odjern.

Illi l-ewwel punt li jrid jigi deciz huwa jekk din il-Qorti ghandhiex gurisdizzjoni u kompetenza li tiddeciedi dan il-kaz, u wara li jigi deciz dan, ghandu jigi deciz liema ligi hija applikabbli ghar-relazzjonijiet ta' impjieg bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut.

Illi huwa l-ewwel punt dwar gurisdizzjoni u kompetenza ta' din il-Qorti li ghandu qabel kollox jigi stabbilit, u dan anke fil-kaz li l-eccezzjoni ta' inkompetenza ma tqajmitx formalment mill-parti fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha , izda biss fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, stante li kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza **"Rosina Grima *nomine vs.* Joseph Vella *proprju nomine et"*** (A.C. 14 ta' April 1997 – LXXXI.ii.477):-

*"Illi huwa minnu li l-artikolu 728 (1) tal-Kap 12 jghid li l-eccezzjonijiet dilatorji ghandhom jinghataw fil-bidu tad-difiza. L-artikolu 774 tal-istess Kap imbghad jispecifika meta l-inkompetenza ghandha tigi ddikjarata mill-Qorti ex officio u skond l-artikolu 741 (a) l-eccezzjoni ta' l-inkomptenza tal-Qorti tista' tinghata meta, ghalkemm ta' gurisdizzjoni ta' Malta, l-kawza tingieb quddiem Qorti diversa minn dik li ghandha tiehu konjizzjoni taghha. F'dan il-kuntest huwa sinfikanti hafna dak li gie ritenut fid-*

*decizjoni **"Borg vs Bartlett"** moghtija mill-Qorti tal-Appell li kwantu ghall-kwistjoni dwar l-inkompetenza:-*

*"billi… din hija kwistjoni li tolqot l-organizzazzjoni tal-Qrati u ghalhekk ghall-isfera ta' ordni pubbliku li din il-Qorti hija obbligata li thares u tissalvagwarda f'kull decizjoni li taghti, trid bilfors tigi sollevata u deciza minnha".*

Illi din l-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament li jfisser li anke meta din l-eccezzjoni ma gietx formalment sollevata mill-parti fl-eccezzjonijiet taghha, jekk jirriuzlta *ai termini* tal-**artikolu 774 (b) tal-Kap 12 ,** *"li mix-xorta tal-haga li tkun fil-kwistjoni, l-kawza ma tkunx ta' kompetenza ta' dik l-Qorti",* l-Qorti ghandha *ex ufficio* tiddikjara l-inkompetenza taghha".

Illi stabilit l-premess ma hemm l-ebda dubju li din l-kawza titratta dwar allegazzjoni ta' tkeccija ingusta mill-impjieg da parte tal-konvenut kontra s-socjeta' attrici, tant li fil-premessi tal-kontro-talba tieghu l-istess konvenut qed isostni li *"s-socjeta' attrici qabdet u tterminat l-impjieg tal-konvenut mingjajr ebda raguni valida u kontra id-disposizzjonijiet tal-istess att" (*Att Dwar il-Bastimenti Merkantili).

Illi harsa lejn l-**artikolu 28 tal-Kap 266** jipprovdi li :-

*"Minkejja kull ma jinstab f'kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklussiva u jiddeciedi l-*

*kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati….u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci ghal ksur tad-dritt tieghu li ma jitkecciex b'mod ingust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra:".*

Illi apparti dan *"tkeccija ingusta"* hija definta skond **artikolu 2 tal-istess Kap** bhala:-

*"li tfisser it-temm mill-principal ta' impjieg dwar dak il-haddiem ta' kuntratt ta' impjieg ghal zmien mhux stabbilit (barra minn impjieg bi prova skond kif tinftiehem fl-Att hawnhekk izjed il-fuq imsemmi) li jkun temm li ma jsirx biss minhabba redundancy jew ghal raguni xierqa skond id-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-artikolu 34 ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg jew jkun bi ksur tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 18 ta' dan l-Att, jew li, ghalkemm isir minhabba redundancy jew ghal raguni xierqa, ikun diskriminatorju;….*

Illi min-naha l-ohra "*haddiem" "tfisser individwu li jahdem jew is-soltu jahdem jew li jkun qed ifittex ix-xoghol –*

*(a) taht kuntratt ta' impjieg; jew*

*(b) taht xi kuntratt (sew imfisser sew mifhum u, jekk imfisser sew verbali jew bil-miktub) li bih jintrabat li jaghmel jew jaqdi personalment kull xoghol jew servizzi ghal parti ohra fil-kuntratt li ma tkunx klijent professjonali tieghu; jew*

*(c) f'impjieg taht jew ghal finijiet ta' xi dipartiment tal-Gvern, barra minn bhala membru tal-forza dixxiplinata, safejn kull impjieg bhal dak ma jkunx jaqa' taht il-paragrafu (a) jew (b) ta' din it-tifsira,*

*u dwar tilwima tax-xoghol li fiha principal ikun parti, haddiem tinkludi kull haddiem ukoll jekk ma jkunx impjegat minn dak il-principal".*

Illi minn tali disposizzjonijiet ma hemm l-ebda dubju li l-impjieg tal-attur mas-socjeta' attrici jaqa' taht dawn it-tifsiriet, stante li l-istess konvenut kien impjegat bhala kok mal-istess socjeta', ghalkemm din kienet tibghatu iservi fuq diversi bastimenti anke ta' nazzjonalita' differenti, izda ma hemm l-ebda dubju li skond il-ligi Maltija, li tirregola l-istess kuntratt ta' impjieg, ghal dik li hija kompetenza, dan il-kaz ta' allegata tkeccija ingusta jaqa' fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali imwaqqaf bil-**Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi ghalhekk kif inghad fis-sentenza **"Joseph Micallef vs Stivala Distributers Limited"** (P.A. (RCP) 14 ta' Frar 2001) fi kwistjonijiet ta' tkeccija ngusta mill-impjieg, din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni u ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dak tat-Tribunal Industrijali, u dan aktar w aktar fid-dawl ta' **Artikolu 31** tal-istess **Kap 266**, fejn l-istess Tribunal ghandu fil-procedura tieghu

jizgura li ssir "*gustizzja skond il-mertu tas-sustanza tal-kaz u bla hsara tar-regoli tal-gustizzja naturali*".

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess is-sentenza "**John Holland et noe vs Julian Schembri**" (A.C. 20 ta' Mejju 1991) stabbiliet il-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati limitatament ghar-ragunijiet segwenti:

"*Din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni limitata ghal meta t-Tribunal Industrijali tmur 'ultra vires' u/jew meta ma tkunx assikurata li l-gustizzja ssir skond il-mertu tas-sustanza tal-kaz u li tkun saret bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali, u/jew meta t-Tribunal jaghti xi sentenza kontra xi ligi miktuba, jew xi att iehor li jkollu forza ta' ligi, li jirregola l-pagi u pattijiet u kondizzjonijiet ohra ta' impjieg.*"

Illi tal-istess portata hija s-sentenza "**Reno Alamango vs Mary Rose Ciantar**" (A.C. 29 ta' Mejju 1991) fejn inghad li dawn il-Qrati jistghu jissindikaw il-*lodo* tat-Tribunal Industrijali biss sabiex jaraw li l-istess Tribunal ma eccediex il-gurisdizzjoni tieghu, u sabiex jaraw li l-principju ta' gustizzja naturali gew segwiti fil-procedura taghhom u l-osservanza fl-istess *lodo* tad-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 31 (3) u Artikolu 32 (4) tal-Kap 266.**

Illi fis-sentenza "**Thomas Montalto vs il-Maggur Stanley J A Clews et**" (P.A.F. 26 ta' Mejju 1987- Vol LXXI.II.668) jinghad illi:

"*Mis-suespost titnissel neccessarjament il-konkluzzjoni illi l-gurisidizzjoni tal-Qorti fir-rigward tat-Tribunal Industrijali hija dupplici. F'dawn iz-zewg vesti, il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tissindika t-Tribunal u li tara li dan jimxi skond il-ligi u josserva l-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Qorti ghandha d-dritt li tissindika, meta tkun hekk giet mitluba u adita li t-Tribunal jagixxi fil-limiti tal-Ligi illi in forza taghha huwa kkostitwit. Evidentement, u indubjament imbaghad, il-Qorti ghandha s-setgha li tara li t-Tribunal bl-ebda mod ma kiser xi wiehed mid-drittijiet fondamentali tal-bniedem".* (vide "**Salvina Borg D'Anastasi vs Jane Decesare et noe**" (P.A.F. 3 ta' April 1989 - Vol LXIII - III 753). '**Mario Vella Gatt noe vs Christopher Cassar**' (G.V. 24 ta' Marzu 1997 - Vol LXXXI - III).

Illi dawn il-principji kollha gew applikati fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"MIB Holding Limited vs Anthony Pace"** (P.A. RCP. 2 ta' Marzu 2000) fejn gie ribadit il-principju li *"din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni sabiex tissindika l-operat tat-Tribunal Industrijali, mhux bhala Qorti tal-Appell, izda sabiex taccerta ruhha li l-istess Tribunal Industrijali agixxa intra vires, skond il-principji tal-gustizzja naturali u ai termini tal-**Artikolu 31 (3) u 32 (4) tal-Kap 266.** Illi stabbilit il-premess, u stabbilit li dan huwa kaz dwar allegazzjoni ta' tkeccija ingusta, il-kompetenza ta' din il-Qorti tieqaf hawn, ghaliex skond l-**Artikolu 28 (1) tal-Kap 266,** l-istess Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni esklussiva dwar id-determinazzjoni tal-istess, kemm dwar fatt u kemm dwar il-ligi, liema gurisdizzjoni esklussiva*

*tinkludi wkoll id-determinazzjoni stess ta' x'jikkonsisti "tkeccija ingusta" fit-termini tal-ligi".*

Illi ghalhekk l-unika kompetenza li ghandhom dawn il-Qrati f'kazijiet ta' tkeccija ingusta huwa biss dak ta' *judicial review* kif gie stabbilit f'diversi sentenzi fosthom dik tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-17 ta' Mejju 1993 fl-ismijiet **"Dottor Vincent Falzon nomine vs Isabelle Grima"** (Vol. LXXVII. ii. 292) u **"Wilfred Privitera vs Anthony Bonello"** (11 ta' Frar 1993) fejn inghad illi ghalkemm Tribunal jew Bord jista' jinghata b'ligi il-gurisdizzjoni esklussiva sabiex jiddeciedi kazijiet specifici, bl-esklussjoni tal-Qrati ordinarji, l-istess Qrati ordinarji xorta huma kompetenti biex jissindakaw l-operat tal-istess Tribunal u s-sentenzi tieghu *"pero' limitatament ghal tlett kategoriji ta' difetti - (a) eccess ta' gurisdizzjoni, (b) non osservanza ta' l-istess ligi kostitwita - …… u finalment (c) non-osservanza ta' xi wiehed mill-principji fondamentali tal-gustizzja".*

Illi tal-istess portata hija is-sentenza citata mill-attur fl-ismijiet **"Thomas Montalto vs Maggur Stanley J. A. Clews et"** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Mejju 1987 (Vol. LXXI. iii. 688); "**V. Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar u s-Servizz Pubbliku"** (Qorti Kostituzzjonali 21 ta' Jannar 1985) u rigwardanti it-Tribunal Ghall Investigazzjoni tal-Ingustizzji s-sentenza fl-ismijiet fl-ismijiet **"Il-Kummissarju tal-Pulizija w il-Prim'Ministru vs Joseph Rizzo"** (P.A. RCP 3 ta' Ottubru 2000) b'dan li gie ribadit minn din il-Qorti li hija hekk limitata fil-gurisdizzjoni

taghha, b'mod li tara li l-istess Tribunal ma agixxiex *ultra vires* u li gew osservati il-principji tal-gustizzja naturali, u bl-ebda mod ma ghandu fil-kwistjoni li giet *ex lege* mhollija fil-kompetenza esklussiva tal-istess Tribunal, b'dan ghalhekk li l-ezercizzju li taghmel din il-Qorti certament ma huwiex wiehed ta' revizzjoni u zgur mhux wiehed ta' Qorti ta' Appell, b'mod li m'ghandha qatt tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-istess Tribunal.

Illi ghalhekk jidher car li din il-Qorti ma ghandha l-ebda gurisdizzjoni u kompetenza sabiex tiddeciedi l-kwistjoni ta' l-allegata tkeccija ingusta tal-istess konvenut mis-socjeta' attrici li tifforma l-mertu tal-azzjoni attrici, stante li din hija ta' kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali, u dan nonostante dak li inghad fil-*lodo* bejn l-istess partijiet fid-decizjoni tal-istess Tribunal datata 28 ta' Marzu 2000.

Illi fil-fatt jinghad li r-rifernza li saret anke mis-socjeta' attrici ghall-**artikolu 204 tal-Kap 234** jirreferi biss ghall-kondizzjonijiet tax-xoghol li jirregolaw l-istess ekwipagg fuq bastiment registrati skond l-istess Kap, u dan in konformita` mal-**artikolu 35 tal-Kap 135,** li min-naha tieghu jeskludi l-applikabilita' tal-**artikolu 34** tal-istess **Kap 135,** *"ghall-bahrin impjegati fuq bastimenti skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkanitili",* b'dan ghalhekk li ghal dak li jirrigwarda bahrin hekk indikati l-kondizzjonijet tax-xoghol taghhom huma regolati bid-disposizzjonijiet tal-**Kap 234** u mhux b'dawk tal-**Kap 135.**

Illi pero` l-ebda disposizzjoni fil-**Kap 135** jew fil-**Kap 234** ma tesorbita mill-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali fil-kazijiet hemm indikati ta' tkeccija ingusta, u allura l-argumenti migjuba mis-socjeta' konvenuta dwar l-applikabilita' tal-ligi ghall-kaz in kwistjoni ma ghandha x'taqsam xejn mal-kwistjoni ta' kompetenza tat-Tribunal Industrijali, u ghalhekk anke taht dan il-kuntest id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 28 tal-Kap 266** jibqghu applikabbli ghall kaz in kwistjoni.

Illi ghalhekk ukoll ir-riferenza li saret fid-decizjoni fil-Kwistjoni tax-Xoghol quddiem it-Tribunal Industrijali fl-ismijiet "Paul Aquilina vs Sea Services Limited" dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta, fejn saret riferenza ghad-definizzjoni ta' *"seaman"* skond il-**Kap 234** hija ghal kollox zbaljata, stante li tali riferenza ma ghandha x'taqsam xejn mal-kwistjoni ta' kompetenza tal-istess Tribunal Industrijali, izda *se mai* fuq il-ligi sostantiva li tista' tirregola l-kondizzjonijiet tax-xoghol bejn l-konvenut u s-socjeta' konvenuta, ghad-differenza minn dak li jipprovdi l-**artikolu 34 tal**-**Kap 135**.

Illi ghalhekk in vista tal-premess din il-Qorti tiddikjara ruhha inkompetenti sabiex tiehu konjizzjoni tal-kontro-talba tal-konvenuti, stante li l-kwistjoni ta' l-allegata tkeccija ingusta tal-konvenut mis-socjeta' attrici taqa' fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 28 tal-Kap 266,** u ghalhekk in vista tal-premess il-kontro-talba tal-konvenuti qed tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenuti, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenuti ghandhom jaghtu lis-socjeta' attrici s-somma bilancjali ta' erba' t'elef, tlett mija u hdax-il lira u tmienja u ghoxrin centezmu Maltin (Lm4,311.28) dovuta mill-konvenuti lis-socjeta' attrici ghar-ragunijiet premessi.

2. Tordna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' t'elef, tlett mija u hdax-il lira u tmienja u ghoxrin centezmi Maltin (Lm4,311.28).

Bl-ispejjez tal-azzjoni attrici inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija tal-hmistax (15) ta' Dicembru, 1999, u tal-mandat ta' qbid fl-ismijiet premessi prezentat kontestwalment mac-citazzjoni attrici; u bl-imghax mid-data ta' l-istess ittra ufficjali kontra l-konvenuti.

Illi fir-rigward tal-**kontro-talba tal-konvenuti,** din il-Qorti ghal dawn il-motivi, **taqta' u tiddeciedi,** billi tichad l-istess talbiet tal-konvenuti fil-kontro-talba taghhom stante li din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza sabiex tiddeciedi kazi ta' l-allegata tkeccija ingusta tal-konvenut mis-socjeta' attrici, liema mertu huwa fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal

Industrijali skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 28 tal-Kap 266.**

Illi l-ispejjez tal-istess kontro-talba jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Dicembru 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**12 ta' Dicembru 2001.**